MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 166/1990/1

**Josephine Mallia**

**v.**

**Emanuel u Mary konjugi Abela u b'digriet tas-26 ta' April 1991 gie kjamat in kawza Louis Muscat**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Frar 1990, l-attrici ppremettiet illi b'kuntratt

tal-10 ta’ Ottubru 1985, in atti Nutar Myriam Spiteri Debono (Dok. A) l-istanti akkwistat u xtrat minghand il-konvenuti l-fond jismu “Orchard” fi Triq il-Proza, Qormi, kif ahjar deskritt fl-istess att; illi fix-xhur tas-sajf tal-1989, zviluppaw hsarat fil-fond rizultanti minn difetti mohbija li jirrendu l-fond mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih huwa mahsub u li jnaqqsu daqshekk il-valur tal-fond illi l-istanti ma kinitx tixtrih jew kienet toffri prezz izghar li kieku kienet taf bihom; dan premess l-attrici talbet li dik il-Qorti:-

1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-fond “Orchard” fi Triq il-Proza, Qormi kien fih difetti mohbija fil-mument tax-xiri, liema difetti jirrendu l-istess fond mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih huwa mahsub;

2) tistabilixxi dik is-somma rappresentanti parti mill-prezz li ghandha tithallas lura lill-attrici; u

3) tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici dik is-somma hekk stabbilita mill-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Frar 1990, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fl-14 ta’ Marzu 1990, il-konvenuti eccepew:-

1. Illi l-azzjoni attric hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-fond ‘de quo’ ma fih l-ebda difetti.

3. Illi l-eccipjenti jitolbu l-kjamata in kawza ta’ Louis Muscat, li minghandu kienu xtraw l-istess fond fit-23 ta’ Marzu, 1984, atti Nutar Myriam Spiteri Debono.

Il-kjamat in kawza Louis Muscat ipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet fil-21 ta’ Mejju 1991 (fol. 82), li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-fond ‘de quo’ ma fih l-ebda difetti latenti.

2. Illi jsegwi illi t-tieni u t-tielet talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li huma sussidjarji ghall-ewwel talba attrici u ma hemm l-ebda somma li din l-Onorabbli Qorti ghandha tistabilixxi bhala rifuzjoni tal-prezz u li l-eccipjenti ghandu jigi kundannat li jhallas.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk il-fond sviluppa xi difetti, mhux responsabbli ghalihom l-eccipjent, u ghalhekk formalment qed jitlob il-kjamat in kawza tal-Perit Anthony Borg u Lawrence Mintoff bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Pre-Stressed Concrete Works Ltd., li hadmu fil-fond ‘de quo’ u taht is-supervizzjoni taghhom.

**Is-sentenzi appellati.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’zewg sentenzi, wahda moghtija fit-8 ta’ April 1991, meta rrespingiet l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom u l-ohra tad-29 ta’ Ottubru 2004, meta gie deciz il-mertu.

Fis-sentenza moghtija fit-8 ta’ April, 1991 l-ewwel Qorti waslet biex irrespingiet l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:
“Illi bil-kawza odjerna l-attrici qed tezercita l-“actio aestimatoria” u l-konvenuti qed jeccepixxu illi din l-azzjoni hija preskritta bid-dekors tas-sena imsemmija fl-artikolu 1431 tal-Kodici Civili;

“Illi ma hemmx dubbju illi l-ewwel subartikolu ta’ l-imsemmi artikolu 1431 ma hux applikabbli ghall-kaz in ezami, illi huwa applikabbli ghalih it-tieni subartikolu tal-istess artikolu 1431. Skond dan l-ahhar imsemmi subartikolu il-perjodu preskrittiv ta’ sena ma jibdiex jiddekorri hlief minn dakinhar illi x-xerrej – fil-kaz in ezami l-attrici – seta’ jkun illi jikxef id-difett;

“Illi fis-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Kummercjali) tat-18 ta’ Ottubru, 1963 fil-kawza fl-ismijiet “Maria Rosa Muscat Baldacchino vs Edward Vincenti Kind noe”, citata mill-attrici fin-nota ta’ riferenzi taghha, jinghad hekk:

“….. din il-Qorti hi ta’ l-opinjoni li l-kliem tat-tieni subartikolu fuq imsemmi, indikanti d-dies a quo tad-dekorrenza tat-terminu ……stabbilit mill-ligi, cioe` il-kliem “minn dak in-nhar li seta’ jkun li hu jikxef id-difett”, ghandhom ikunu interpretati fis-sens li id-dies scientiae ma hux dak li fih tigi notata jew riskontrata irregolartita fil-funzjonament tal-attrezz mibjugh, imma hu invece dak li fih jigi definittivament accertat id-difett”;

“Illi din il-Qorti taqbel mal-principju enuncjat f’din is-sentenza citata;

“B’applikazzjoni ta’ dan il-principju ghall-fatti kif jemergu mill-provi prodotti f’din il-kawza jirrizulta illi t-terminu ta’ sena imsemmi fl-artikolu 1431(2) tal-Kodici Civili beda jiddekorri mhux izjed kmieni minn Mejju, 1989, u cioe` minn meta tramite l-konstatazzjonijiet maghmula mill-Perit Andre’ Zammit l-attrici accertat illi fil-fond “de quo” hemm difetti strutturali. Ghandu jinghad f’dan ir-rigward illi wiehed ma jistennix illi l-allegati difetti in kwistjoni setghet tinduna bihom l-attrici wahdeha minghajr l-assistenza ta’ persuna proficjenti fis-sengha tal-bini. Jirrisulta illi kif l-attrici rat il-konsenturi hija kkonsultat tali persuna, jigifieri il-Perit Anthony Borg, u dana fuq parir ta’ min bena l-fond, ix-xhud Louis Muscat. M’hemmx dubbju illi l-attrici kienet pjuttost ingenwa meta accettat dan il-parir, izda din l-ingenwita taghha ma ghandhiex, fic-cirkostanzi tal-kaz, topera kontriha. Il-Perit Borg, wara illi acceda fuq il-fond in kwistjoni fuq talba ta’ l-attrici rrilaxxja l-imsemmi certifikat dokument “AB” u lill-attrici accertaha illi m’hemmx, u mhux illi hemm, difetti fl-istess kontro-ezami tieghu waqt id-depozizzjoni ta’ l-ewwel (1) ta’ Gunju, 1990 (fol 31);

“Illi l-att ta’ citazzjoni in ezami gie, kif gia inghad, intavolat fil-21 ta’ Frar, 1990 u ghalhekk, ferm qabel ma ghaddiet sena minn Mejju, 1989;

“Illi, ghalhekk, l-eccezzjoni in ezami tal-konvenuti ma tistax tigi akkolta.”

Il-Qorti ta’ l-ewwel istanza regghet ippronunzjat ruhha fuq din il-vertenza fl-udjenza tad-29 ta’ Ottubru 2004, billi dwar il-mertu qalet hekk:

“Tiddikjara li l-fond “Orchard” fi Triq il-Proza, Qormi kien fih difetti mohbija fil-mument tax-xiri, liema difetti jirrendu l-istess fond mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih kien mahsub;

“Tillikwida s-somma ta’ elf seba’ mija u hamsin lira Maltin (LM1,750.00) bhala rappresentanti parti mill-prezz li ghandha tithallas lura lill-attrici; u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata.
“Bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni stante d-dekors ta’ dawn is-snin kollha sad-data tal-eventwali pagament;

“Tillibera lill-kjamat fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju, Salv impregudikati d-drittijiet tal-konvenuti li jagixxu kontra min bieghlhom. U bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti”

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
“Mill-konkluzzjonijiet ta’ l-espert tekniku imqabbad minn din il-Qorti, il-Perit Michelangelo Refalo, kif ukoll mill-konkluzzjonijiet tal-periti addizzjonali rrizulta li d-difetti li minnhom qed tilmenta l-attrici kienu kkawzati minn difetti strutturali fil-bini sottostanti ghall-fond ta’ l-attrici; li dawn id-difetti kienu jezistu fil-mument li l-attrici akkwistat il-fond minghand il-konvenuti, izda kienu mohbija; u li kienu ezistenti anki fil-mument li l-konvenuti xtraw minghand il-kjamat in kawza, u anki f’dak il-mument dawn id-difetti kienu mohbija.

“L-esperti teknici inoltre kkonkludew li l-entita` tad-difetti kienet tali li la l-attrici u lanqas persuna teknika ma setghu jindunaw b’tali difetti fil-mument ta’ l-akkwist. Inoltre l-

esperti teknici kkonkludew li l-ammont li ghandu jigi rifuz lill-attrici huwa ta' LM1,750.00 l-ekwivalenti ta' 25% tal-prezz minhha mhallas ghall-akkwist tal-fond in kwistjoni li mill-kuntratt esebit a fol. 4 sa 6 tal-process jirrizulta li kien fis-somma ta' LM7000.

"Din il-Qorti taqbel ma dawn il-konkluzzjonijiet teknici u a skans ta' ripetizzjoni inutili qed taghmilhom taghha.

**RESPONSABILITA`**

"Irid issa jigi determinat min mill-konvenuti u l-kjamat in kawza ghandu jigi kundannat jirrifondi l-ammont ta' LM1,750.00 likwidat bhala rifuzjoni ta' parti mill-prezz lill-attrici.

"Il-konvenuti sejhu fil-kawza lill-persuna li minghandha huma xtraw il-fond *de quo*, u cioe` Louis Muscat, izda dan ta' l-ahhar jissottometti, ghalkemm mhux formalment fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, li huwa m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-attrici stante li huwa biegh il-fond in kwistjoni lill-konvenuti u kienu dawn ta' l-ahhar li xi zmien wara bieghu l-istess fond lill-attrici. Huwa ghalhekk isostni fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li l-unika relazzjoni guridika li huwa ghandu hija dik mal-konvenuti u li l-azzjoni attrici ma tistghax tirnexxi fil-konfronti tieghu.

"Kif diga' intqal aktar il-fuq l-azzjoni intavolata mill-attrici hija l-*actio aestimatoria* stabbilita mill-Artikoli 1424 sa 1427 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 1424 jipprovdi li l-bejjiegh huwa obbligat li jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux fil-haga mibjugha u li jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih kienet mahsuba jew jnaqqsu daqshekk il-valur taghha li x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf b'tali difetti.

"F'tali kaz ix-xerrej jista' permezz tal-*actio aestimatoria* jaghzel li jzomm il-haga mibjugha u jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-bejjiegh jirrifondi lura parti mill-prezz li huwa jkun hallas ghall-haga mibjugha, liema ammont jigi likwidat mill-Qorti. Ir-rekwiziti sabiex tirnexxi tali azzjoni huma (i) li l-vizju jkun okkult fil-mument tal-bejgh b'tali

mod li x-xerrej ma setghax jinduna bih; (ii) li n-natura tal-vizju riskontrat tkun tali li tnaqqas il-valur tal-oggett mibjugh jew li tirrendih mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih kien mahsub.

“Kif diga’ intqal aktar ‘l fuq mill-konkluzzjonijiet tal-esperti teknici nominati minn din il-Qorti jirrizulta li dawn iz-zewg elementi kienu jezistu u li ghalhekk l-attrici kellha d-dritt tintavola l-azzjoni odjerna. Jigi notat li l-periti teknici sabu li d-difetti kienu tali li kienet jammontaw ghall 25% tal-prezz ta’ l-akkwist tal-fond, u ghalhekk in-natura tad-danni riskontrati kienu gravi u l-periti addizzjonali ma eskludewx il-possibilita` ta’ rikorrenza ta’ l-istess hsara jew li tigi kagunata hsara ulterjuri ara para 55 fol. 236.

“L-attrici kellha d-dritt tintavola l-azzjoni odjerna kontra il-persuna jew persuni li bieghulha l-fond in kwistjoni, u cioe` il-konvenuti, kif fil-fatt ghamlet. L-*actio aestimatoria* hija naxxenti mill-obbligu tal-bejjiegh li jaghti garanzija kontra difetti mohbija. Tali obbligu gie assunt mill-konvenuti fil-konfront ta’ l-attrici fil-mument tal-bejgh u huwa ghalhekk naxxenti mill-istess kuntratt ta’ bejgh u r-rifuzjoni ta’ parti mill-prezz mitlub mill-attrici tirrigwarda proprju il-prezz stabbilit f’dak il-kuntratt tal-bejgh.

“Din l-azzjoni ghalhekk tista` tirnexxi biss kontra l-konvenuti ghaliex kienu huma li assumew l-obbligu tal-garanzija kontra d-difetti mohbija vis-vis l-attrici. L-attrici ma kellha ebda relazzjoni guridika mal-kjamat in kawza u fil-fehma tal-Qorti l-azzjoni minnha istitwita tista’ biss tirnexxi fil-konfront tal-konvenuti u mhux fil-konfront ta’ terzi ghaliex kienu biss il-konvenuti li kellhom l-obbligu li jaghtu garanzija lill-attrici fil-kwalita` taghha ta’ xerrejja u mhux terzi. Kif gie deciz minn dina l-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Carmelo Muscat vs Martin Imbroll fl-1 ta’ Frar, 1995 Vol LXXIX p3 p1197 l-azzjoni aestimatorja tikkompeti lill-kompratur u ghandha tkun indirizzata lill-venditur u ma tezisti ebda relazzjoni bejn il-kompratur u min effettivament esegwixxa x-xogholijiet. Se mai, ikun il-venditur li jkun jista’ da parti tieghu, jagixxi kontra min hadimlu x-xogholijiet.

“Jidher ghalhekk li jezistu l-elementi kollha sabiex l-azzjoni attrici tista’ tintlaqa’ kontra l-konvenuti. Tali azzjoni ma tistax tirnexxi kontra l-kjamat in kawza stante li huwa ma kienx il-persuna li biegh lill-attrici u ghalhekk ma obbligax ruhu li jaghti ebda garanzija kontra difetti mohbija lill-istess attrici. Inoltre r-rifuzjoni tal-prezz tal-bejgh li qed tintalab mill-attrici tirrigwarda l-prezz minnha mhallas lill-konvenuti u mhux lil terzi. Dan kollu ovvjament jinghad b’riserva ghal kwalsiasi azzjoni spettanti lill-konvenuti kontra l-kjamat in kawza in linea ma’ l-obbligu minnu assunt fil-konfront taghhom fil-mument li huwa biegh lilhom il-fond li sussegwentement inbiegh lill-attrici.

“Sejha fil-kawza tal-Perit Anthony Borg u Lawrence Mintoff.

“Permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu il-kjamat in kawza talab il-kjamata in kawza tal-Perit Anthony Borg u ta’ Lawrence Mintoff bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Pre-Stressed Concrete Works Limited. Din it-talba baqghet ma gietx degretata (mill-Qorti diversament presjeduta) u ghal kull buon fini qed tigi hawn michuda u dan stante li dawn il-persuni li intalbet il-kjamata in kawza fil-konfront taghhom ma kellhom ebda relazzjoni guridika ma’ l-attrici in kwantu jirrigwarda l-azzjoni minnha ntavolata u ghalhekk it-talbiet taghha ma setghux jirnexxu fil-konfronti taghhom.

“Finalment jigi rilevat li l-attrici qatt ma talbet danni, ghalhekk ir-referenza ghall-artikolu 1429 tal-Kap 16 saret inutilment.”

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u b’rikors intavolat fit-18 ta’ Novembru 2004, talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din l-Qorti joghgobha tirrevoka z-zewg sentenzi imsemmija billi tilqa’ l-eccezzjonijiet kollha taghhom u tichad it-talbiet attrici kif dedotti kontra l-esponenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

L-attrici pprezentat risposta fejn talbet li s-sentenza (fis-singular) tigi konfermata u l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Il-kjamat in kawza pprezenta risposta fejn talab li s-sentenza (ukoll fis-singular) appellata tigi konfermata inkwantu lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, filwaqt li osserva li l-aggravji avvanzati mill-appellanti fil-konfront tal-avverament tad-dekadenza u l-likwidazzjoni tad-danni huma gusti u ghandhom jintlaqghu.

**L-aggravji tal-konvenuti appellanti.**

Fir-rikors tal-appell taghhom il-konvenuti ressqu tlett aggravji u cioe`:-

a) Dwar id-dekadenza tal-azzjoni.

b) Dwar l-inezistenza tal-estremi tal-azzjoni estimatorja.

c) Dwar minn meta kellhom jibdew jiddekorru l-imghaxijiet.

**Dwar id-dekadenza tal-azzjoni.**

Qed jigi sottomess mill-konvenuti appellanti li l-attrici kienet giet a konoxxenza tad-difetti fil-bini li kienu jiggustifikaw din il-kawza ferm qabel ma giet intavolata l-kawza u li t-terminu perentorju ta’ sena ghall-prezentata ta’ l-istess kien skada u konsegwentement l-attrici tilfet kull dritt li tipprocedi bl-azzjoni aestimatorja.

Huwa minnu li l-attrici kienet innotat xi konsenturi fil-fond mixtri minnha matul is-sena 1987. Kif rat hekk hi hadet passi mmedjatament u kellmet lill-kjamat in kawza li kien responsabbli ghall-kostruzzjoni ta’ l-istess fond. Kien dan li ressaqha ghand il-Perit Borg li kien il-perit responsabbli waqt il-kostruzzjoni u dan iccertifika li ma kien hemm ebda perikolu u li l-konsenturi li kienu rrizultaw fil-bini kienu biss konsegwenza ta’ strihan tal-proprjeta`.

Issa s-sub-artikolu (2) ta’ l-Artikolu 1431 tal-Kap 16 jistabilixxi li t-terminu ta’ sena ghall-prezentata tal-azzjoni – fil-kaz ta’ immobbli – imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-

istess artikolu ma jibdiex jiddekorrii "hlief minn dak in-nhar li [ix-xerrej] seta' jkun li hu jikxef dak id-difett." Id-dritt ta' l-azzjoni estimatoria huwa moghti lix-xerrej meta id-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha jaghmlu dik il-haga "*mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar*". F'materja ta' bini persuna mhux intiza ma hijiex kompetenti li tistabilixxi, minghajr l-assitenza ta' persuna kompetenti bhal ma hu perit, jekk d-difetti li jirrizultaw jaghmlux dak il-fond tajjeb ghall-uzu li ghalih kien mahsub jew li jnaqqsu l-valur tieghu. Kien ghalhekk li l-attrici kellmet lill-perit li kien inkarigat mill-kostruzzjoni, u meta dan accertaha li ma kienx hemm perikolu hija hassitha rassikurata u ma kellha ebda intenzjoni jew dritt li tistitwixxi l-proceduri odjerni. Izda fil-kaz prezenti d-difetti ossia konsenturi komplew jizviluppaw ruhhom u kien ghalhekk li l-attrici avvicinat perit indipendenti li ccertifika li kien hemm dak l-perikolu li kien jaghti lok ghall-azzjoni prezenti. Kien minn dan il-mument li l-attrici setghet u kellha tistitwixxi l-azzjoni. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-azzjoni odjerna giet intavolata ftit zmien wara li dan il-fatt gie accertat u ghalhekk l-azzjoni giet prezentata fit-terminu. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat u qed jigi michud.

**Dwar l-inezistenza tal-estremi ghall-*actio aestimatoria*.**

Dwar dan l-aggravju hemm ftit xi tghid. Jirrizulta li l-ilment tal-attrici jinsab kkonfermat minn diversi esperti teknici mahtura mill-ewwel Qorti oltre l-istess perit li kienet qabdet l-istess attrici. Jidher li l-appellanti ma ghandhom ebda ilment dwar l-element primarju li l-vizzju jrid jkun okkult. Infatti fir-rikors ta' l-appell jghidu semplicement hekk "*Dwar il-vizzju okkult huwa car li d-difett jkun mohbi meta ma jkunx facilment reperibbli ghall-bniedem mhux tas-sengha*." Fil-verita` din l-osservazzjoni tikkorrobora dak li qalet din il-Qorti hawn aktar 'il fuq fir-rigward ta' meta jibda jiddekorri t-terminu ghall-prezentata ta' l-azzjoni.

Dwar it-tieni rekwist u cioe` dak li jitkellem fuq in-natura tad-difett l-appellanti jsostnu li ma rrizulta ebda difett li

jiggustifika l-azzjoni promossa. Biss din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-affermazzjoni ghax kif inghad qabel dak li gie riskontrat mill-perit imqabbad privatament u l-esperti mahtura mill-Qorti jikkontradici din l-asserzjoni ta' l-appellanti. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat u qed jigi michud.

**Dwar minn meta kellhom jibdew jiddekorru l-imghaxijiet.**

Wara li l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni li l-azzjoni attrici kienet misthoqqa u konsegwentement illikiwdat is-somma ta' LM1,750 "*bhala rapprezentanti parti mill-prezz li ghandha tithallas lura lill-attrici*" l-istess Qorti ikkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata "*bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni stante id-dekors ta' dawn is-snin kollha sad-data tal-eventwali pagament.*" L-appellanti hassew ruhhom aggravati b'din il-parti tas-sentenza billi qed isostnu li gialadarba s-somma mitluba fic-citazzjoni kellah tigi likwidata mill-Qorti din qatt ma setghet takkorda imghax fuq somma "illikwida" u se mai l-imghax seta' jiddekorri biss mid-data tas-sentenza. L-attrici issottomettiet li s-sentenza, anke f'din il-parti, kienet gusta billi altrimenti d-dewmien kien jippremja d-debitur.

Din il-Qorti, kif rriteniet f'okkazzjonijiet ohra, hija tal-fehma li l-imghax fuq somma mhux likwidata ma jibdiex jiddekorri jekk mhux minn meta dik is-somma tkun likwidata u cioe` bis-sentenza li tkun illikwidat dik is-somma. F'dan is-sens l-ilment tal-konvenuti huwa gustifikat. Biss din il-Qorti tosserva li fit-talba promotorja u cioe` c-citazzjoni intavolata fil-21 ta' Frar 1990, ma hemm ebda talba ghal kundanna ghall-hlas tal-imghaxijiet fuq dik is-somma li talvolta tigi likwidata u f'dan is-sens ghalhekk l-ewwel Qorti marret oltre t-talbiet attrici meta akkordat l-imghax fuq l-amont likwidat. Biss fir-rikors ta' l-appell ma jissemma' xejn dwar dan u mhux qed jigi rilevat li s-sentenza hija "*ultra petita*"; f'dan il-kuntest ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju ghandu jigi milqugh kif propost u l-imghax jibda jiddekorri mid-29 ta' Ottubru 2004.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' l-appell limitatament fuq l-ahhar aggravju billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata tad-29 ta' Ottubru 2004 inkwantu din ikkundannat lill-konvenuti ihallsu l-imghax fuq l-ammont likwidat mid-datat tal-prezentata tac-citazzjoni u minflok tordna li l-imghax jibda jiddekorri mid-29 ta' Ottubru 2004; ghal bqija tikkonferma kemm din is-sentenza kif ukoll dik tat-8 ta' April 1991, u tordna li l-ispejjez kollha ossia kemm dawk konnessi mas-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2004, u dawk ta' dana l-appell jigu sopportati kwantu ghal disa' partijiet minn ghaxra (9/10) mill-konvenuti appellanti u kwantu ghar-rimanenti decima parti (1/10) mill-attrici appellata. L-ispejjez konnessi mas-sentenza tat-8 ta' April 1991, jibqghu kif hemm decizi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------